Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,027, 22 ta' Diċembru, 2000
Taqsima B

A.L. 268 ta' l-2000

ATT DWAR ĦWEJJEĠ TA' L-IKEL, MEDIĊINALI U ILMA TAX-XORB (KAP. 231)

Regolamenti ta' l-2000 dwar Dolċifikanti li jintużaw f'Oġġetti ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar Ħwejjeg ta' l-Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb, il-Ministru tas-Saħħa, fuq il-parir ta' l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Isem u bidu fis-seħħ.

1.1 It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2000 dwar Dolċifikanti li jintużaw f'Oġġetti ta' l-Ikel, u għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2001.

Skop u applikabilità.

2.1 Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw għal dolċifikanti li jintużaw:

(a) fil-preparazzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel biex jagħtu togħma ħelwa lil oġġetti ta' l-ikel,

(b) bħala dolċifikanti għal fuq il-mejda.

2.2 Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal oġġetti ta' l-ikel li għandhom proprjetajiet dolċifikanti.

Tifsir.

3.1 F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra:

"Att" ifisser l-Att dwar Ikel, Mediċinali u Ilma tax-Xorb;

"b'enerġija mnaqqsa" tfisser b'valur ta' enerġija mnaqqas b'mill-inqas 30% meta mqabbel ma' l-oġġett ta' l-ikel oriġinali jew prodott simili;

"ikel" għandha l-istess tifsira lilha moghtija fl-Att;

"trabi" tfisser tfal taħt it-tnax-il xahar;

"*quantum satis*" tfisser li m'hemm ebda livell massimu speċifikatġ madankollu, id-dolċifikanti għandhom jintużaw skond prattika ta' manifattura tajba, f'livell ta' doża li ma jkunx ogħla minn dak meħtieġ biex jintlaħaq l-iskop maħsub u sakemm il-konsumatur ma jitqarraqx;

"bla żjieda ta' zokkor" tfisser bla żjieda ta' mono- jew disakkaridi jew kull oġġett ta' l-ikel ieħor użat għall-proprjetajiet dolċifikanti tiegħu;

"tfal żgħar" tfisser tfal bejn is-sena u t-tliet snin.

Dolċifikanti permessi.

4.1 Dawk id-dolċifikanti biss imniżżlin fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jistgħu jinħarġu fis-suq biex:

(a) jinbiegħu lill-konsumatur aħħari, jew

(b) jintużaw fil-manifattura ta' oġġetti ta' l-ikel.

4.2 Jistgħu jintużaw biss dolċifikanti msemmija fil-paragrafu 4.1(b) fil-manifattura ta' dawk l-oġġetti ta' l-ikel imniżżlin fl-Iskeda u skond il-kondizzjonijiet speċifikati fiha.

4.3 Il-provvedimenti ta' regolamenti 4.1 u 4.2 ta' dawn ir-regolamenti għandhom jisbqu kull ħtieġa oħra f'regolamenti oħra li ma jkunux jaqblu ma' dawn ir-regolamenti.

4.4 Ma jistgħux jintużaw dolċifikanti f'ikel għat-trabi u tfal żgħar, inkluż ikel għal trabi u tfal żgħar li ma jkunux f'saħħithom, sakemm ma jkunx hemm stipulat xort'oħra fi provvedimenti speċifiċi.

4.5 L-ogħla dożi li jistgħu jintużaw indikati fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti jirreferu għal oġġetti ta' l-ikel lesti biex jittieklu, ippreparati skond l-istruzzjonijiet għall-użu, fejn meħtieġ.

4.6 Minghajr pregudizzju għal xi provvedimenti oħra, il-preżenza ta' dolċifikant f'oġġetti ta' l-ikel hija wkoll permessa:

(a) f'ikel kompost bla żjieda ta' zokkor jew b'enerġija mnaqqsa, f'ikel tad-dieta kompost maħsub għal dieti ta' kaloriji baxxi u f'ikel kompost li jibqa' tajjeb biex jittiekel għal zmien twil, barra minn dawk imsemmija fir-regolament 4.4, sakemm id-dolċifikant ikun permess f'wieħed mill-ingredjenti ta' l-oġġetti ta' l-ikel komposti;

(b) jekk l-oġġett ta' l-ikel ikun maħsub biex jintuża unikament fil-preparazzjoni ta' oġġett ta' l-ikel kompost li jkun jaqbel ma' dawn ir-regolamenti.

Provvedimenti ta' l-A.L 89 ta' l-1994 u A.L. 256 ta' l-1998.

5.1 Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw minghajr pregudizzju għal regolamenti speċifiċi li jippermettu addittivi elenkati fl-Iskeda biex jintużaw għal skopijiet li mhumiex dawk dolċifikanti.

5.2 Dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw ukoll minghajr pregudizzju għal kull provvediment ieħor li jirregola l-kompożizzjoni u d-deskrizzjoni ta' oġġetti ta' l-ikel.

Dolċifikanti li jitqiegħdu fuq il-mejda.

6.1 Id-deskrizzjoni tal-bejgħ ta' dolċifikant li jitqiegħed fuq il-mejda għandha tinkludi l-frazi -

"dolċifikant li jitqiegħed fuq il-mejda li għandu bażi ta'.....", u tagħti kull isem ta' kull sustanza dolċifikanti użata fil-kompożizzjoni tiegħu.

6.2 It-tikketta fuq dolċifikant li jitqiegħed fuq il-mejda u li jkun fih polyols u/jew aspartame għandu jkollha fuqha dawn it-twissijiet:

(a) *aspartame*: "fih għajn ta fenilalanin";

(b) *polyols*: "konsum eċċessiv jista' jgib l-ippurgar".

Oġġeti ta' l-ikel li jkun fihom dolċifikanti.

7.1 Oġġetti ta' l-ikel jista' jkollhom dolċifikant permess jew taħlita ta' żewġ dolċifikanti permessi jew aktar kif speċifikat fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, izda l-ammont ta' kull dolċifikant mizjud m'ghandux ikun jaqbeż id-dożi massimi rispettivi li jistgħu jintużaw speċifikati għal dak id-dolċifikant, u l-ammont totali ta' dolċifikanti miżjudin ma jkunx jaqbeż l-ogħla valur ta' dożi massimi speċifikati li jistgħu jintużaw ghad-dolċifikanti użati.

7.2 B'żjieda mal-provvedimenti stipulati fir-Regolamenti ta' l-1992 dwar it-Tikkettjar u Preżentazzjoni ta' Ħwejjeġ ta' l-Ikel, oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom xi dolċifikant jew dolċifikanti għandu jkollhom tikketta bil-kliem "fih dolċifikant(i)" flimkien ma' l-isem li bih ikun qed jinbiegħ il-prodott.

7.3 Fil-każ ta' dolċifikanti li jkun fihom kemm zokkor miżjud kemm dolċifikant jew dolċifikanti, għandhom japplikaw il-provvedimenti tar-regolament 7.2 hlief li flok il-kliem "fih dolċifikant(i)" għandu jkun hemm il-kliem "fih iz-zokkor (jew tipi ta' zokkor) u dolċifikant(i)".

7.4 B'żjieda mal-provvedimenti tar-regolamenti 7.2 jew 7.3, oġġetti ta' l-ikel li jkun fihom l-aspartame u/jew iżjed minn 10% *polyols* miżjudin, għandu jkollhom it-twissijiet speċifikati fir-regolament 6.2 (a) u (b).

Kriterji ta' purità.

8.1 Dolċifikanti maħsubin biex jintużaw f'oġġetti ta' l-ikel jew bhala dolċifikanti li jitqiegħdu fuq il-mejda għandom ikunu konformi mal-kriterji ta' purità stipulati fid-Direttiva tal-Komunità Ewropea 95/31/EC, kif emendata.

Tħassir ta' A.L. 209 ta' l-1997.

9.1 Ir-Regolamenti ta' l-1997 dwar Dolċifikanti li Jintużaw fi Hwejjeg ta' l-Ikel, huma b'dan imħassra.

9.2 Kull referenza f'kull regolament ieħor għar-Regolamenti ta' l-1997 dwar Dolċifikanti li Jintużaw fi Ħwejjeg ta' l-Ikel, għandha tiftiehem bħala referenza għal dawn ir-regolamenti.

SKEDA

Lista ta' Dolċifikanti Permessi

Oġġetti ta' l-Ikel	**Numru EC u isem id-dolċifikanti**		**L-ogħla doża li tista' tintuża**
Deżerti u prodotti simili (b'enerġija mnaqqsa jew bla żjieda ta' zokkor)	E 420	Sorbitol (i) Sorbitol (ii) Ġulepp tas-Sorbitol	*quantum satis*
Deżerti saporiti b'bażi ta' ilma	E 421	Mannitol	*quantum satis*
Preparati b'bażi ta' ħalib jew ta' derivattiv tal-ħalib	E 953	Isomalt	*quantum satis*
Deżerti b'bażi ta' frott jew ħxejjex	E 965	Maltitol (i) Maltitol (ii) Ġulepp tal-Maltitol	*quantum satis*
Deżerti b'bażi ta' bajd	E 966	Laktitol	*quantum satis*
Deżerti b'bażi ta' ċereali	E 967	Ksilitol	*quantum satis*
Ċereali tal-kolazzjoni jew prodotti b'bażi ta' ċereali			
Deżerti b'bażi ta' xaħam			
Silġijiet li jittieklu			

Oġġetti ta' l-Ikel	Numru EC u isem id-dolċifikanti		L-ogħla doża li tista' tintuża
Ġammijiet, *jellies*, marmellati u frott kristallizzat			
Preparati tal-frott, b'eċċezzjoni ta' dawk maħsubin għall-manifattura ta' xarbiet b'bażi ta' meraq tal-frott			
Oġġetti tal-ħelu:	E 420	Sorbitol (i) Sorbitol (ii) Ġulepp tas-Sorbitol	*quantum satis*
Oġġetti tal-ħelu bla zokkor miżjud			
Oġġetti tal-ħelu b'bażi ta' frott imnixxef, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	E 421	Mannitol	*quantum satis*
Oġġetti tal-ħelu b'bażi ta' lamtu, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	E 953	Isomalt	*quantum satis*
Prodotti b'bażi ta' kawkaw, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	E 965	Maltitol (i) Maltitol (ii) Ġulepp tal-Maltitol	*quantum satis*
Tidlik għas-sandwiċ b'bażi ta' kawkaw, ħalib, frott imnixxef jew xaħam, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	E 966	Laktitol	*quantum satis*
Chewing gum bla zokkor miżjud	E 967	Ksilitol	*quantum satis*
Zlazi			

Oġġetti ta' l-Ikel	Numru EC u isem id-dolċifikanti	L-ogħla doża li tista' tintuża
Mustarda		
Prodotti mohmijin fini, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud		
Prodotti mahsubin għal użijiet nutrittivi partikolari		
Supplimenti solidi ta' ikel/integraturi dietetiċi		

Oġġetti ta' l-ikel	L-ogħla doża li tista' tintuża					
	E 950 Acesulfame K	**E 951** Aspartame	**E 952** Aċidu ċiklamiku u l-imlieħ Na u Ca tiegħu	**E 954** Sakkarina u l-imlieħ Na, K u Ca tagħha	**E 957** Thaumatin	**E 959** Neohesperidine DC
Xarbiet mhux alkoħoliċi						
Xarbiet saporiti b'bażi ta' ilma, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	350 mg/l	600 mg/l	400 mg/l	80 mg/l	-	30 mg/l
Xarbiet b'bażi ta' ħalib jew derivattivi tal-ħalib, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	350 mg/l	600 mg/l	400 mg/l	80 mg/l	-	50 mg/l
Xarbiet b'bażi ta' meraq tal-frott, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	350 mg/l	600 mg/l	400 mg/l	80 mg/l	-	30 mg/l
Gaseosa: xarba mhux alkoħolika b'bażi ta' ilma u biż-żjieda ta' dijossidu tal-karbonju, dolċifikanti u sapuri	-	-	-	100 mg/l	-	-
Dežerti u prodotti simili						
Id-dežerti li ġejjin, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud: dežerti saporiti b'bażi ta' ilma, preparati b'bażi ta' ħalib jew derivattivi tal-ħalib, dežerti b'bażi ta' frott jew ħxejjex, dežerti b'bażi ta' bajd, dežerti b'bażi ta' ċereali, dežerti b'bażi ta' xaħam	350 mg/kg	1000 mg/kg	250 mg/kg	100 mg/kg	-	50 mg/kg

Oġġetti ta' l-ikel	L-ogħla doża li tista' tintuża					
	E 950 Acesulfame K	**E 951** Aspartame	**E 952** Aċidu ċiklamiku u l-imlieħ Na u Ca tiegħu	**E 954** Sakkarina u l-imlieħ Na, K u Ca tagħha	**E 957** Thaumatin	**E 959** Neohesperidine DC
Snacks: ċerti togħmiet ta' prodotti tal-lamtu, b'togħma qawwija, mnixxfin, ippakkjati minn qabel, lesti kemm jittieklu, u ġewż miksi	350 mg/kg	500 mg/kg	-	100 mg/kg	-	50 mg/kg
Ċereali għall-kolazzjoni b'kontenut ta' fibra li jaqbeż il-15% u li jkollhom mill-inqas 20% nuħħala, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	1200 mg/kg	1000 mg/kg	-	100 mg/kg	-	50 mg/kg
Oġġetti tal-ħelu						
Oġġetti tal-ħelu bla zokkor miżjud	500 mg/kg	1000 mg/kg	500 mg/kg	500 mg/kg	50mg/kg	100mg/kg
Oġġetti tal-ħelu b'bażi ta' kawkaw jew frott imnixxef, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	500 mg/kg	2000 mg/kg	500 mg/kg	500 mg/kg	50 mg/kg	100 mg/kg
Oġġetti tal-ħelu b'bażi ta' lamtu, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	1000 mg/kg	2000 mg/kg	500 mg/kg	300 mg/kg	-	150 mg/kg
Tidlik tas-sandwiċ b'bażi ta' kawkaw, ħalib, frott imnixxef jew xaħam, b'enerġija mnaqqsa jew bla zokkor miżjud	1000 mg/kg	1000 mg/kg	500 mg/kg	200 mg/kg	-	50 mg/kg

Oġġetti ta' l-ikel	L-ogħla doża li tista' tintuża E 950 Acesulfame K	E 951 Aspartame	E 952 Aċidu ċiklamiku u l-imlieħ Na u Ca tiegħu	E 954 Sakkarina u l-imlieħ Na, K u Ca tagħha	E 957 Thaumatin	E 959 Neohesperidine DC
Chewing gum bla zokkor miżjud	2000 mg/kg	5500 mg/kg	1500 mg/kg	1200 mg/kg	50 mg/kg	400 mg/kg
Essoblaten	2000 mg/kg	-	-	800 mg/kg	-	-
Ħelu żgħir li jiffriska n-nifs, bla zokkor miżjud	2500 mg/kg	6000 mg/kg	2500 mg/kg	3000 mg/kg	-	400 mg/kg
Oġġetti tal-ħelu f'forma ta' pillola, b'enerġija mnaqqsa	500 mg/kg	-	-	-	-	-
Mustardini li jiffriskaw il-grieżem, b'essenza qawwija, bla zokkor miżjud	-	2000 mg/kg	-	-	-	-
Xarbiet alkoħoliċi						
Sidru u perry	350 mg/l	600 mg/l	-	80 mg/l	-	20 mg/l
Birra bla alkoħol jew b'kontenut ta' alkoħol li ma jaqbiżx 1.2 % tal-volum *Biëre de table/Tefelbier/Table beer* (kontenut ta' wort oriġinali inqas minn 6%) b'eċċezzjoni ta' *Obergäriges Einfachbier* Birer li għandhom aċidità minima ta' 30 milli-ekwivalenti espressi bħala NaOH Birer kannella tax-xorta *oud bruin*	350 mg/l	600 mg/l	-	80 mg/l	-	10 mg/l

Oġġetti ta' l-ikel	L-ogħla doża li tista' tintuża					
	E 950 Acesulfame K	**E 951** Aspartame	**E 952** Aċidu ċiklamiku u l-imlieħ Na u Ca tiegħu	**E 954** Sakkarina u l-imlieħ Na, K u Ca tagħha	**E 957** Thaumatin	**E 959** Neohesperidine DC
Birer b'enerġija mnaqqsa	25 mg/l	25 mg/l	-	-	-	10 mg/l
Xarbiet magħmulin minn taħlita ta' xorb mhux alkoħoliku u nbid, birra, perry, sidru jew spirti	350 mg/l	600 mg/l	250 mg/l	80 mg/l	-	30 mg/l
Spirti li jkollhom inqas minn 15% alkoħol imkejjel bil-volum	350 mg/l	600 mg/l	-	80 mg/l	-	30 mg/l
Silġiet li jistgħu jittieklu						
Silġiet li jistgħu jittieklu, b'enerġija mnaqqsa u bla zokkor miżjud	800 mg/kg	800 mg/kg	250 mg/kg	100 mg/kg	50 mg/kg	50 mg/kg
Kornetti u wejfers għall-ġelat bla zokkor miżjud	2000 mg/kg	-	-	800 mg/kg	-	50 mg/kg
Frott u ħxejjex						
Frott fil-laned jew fliexken, b'enerġija mnaqqsa u bla zokkor miżjud	350 mg/kg	1000 mg/kg	1000 mg/kg	200 mg/kg	-	50 mg/kg
Ġamm, *jelly* u marmellata, b'enerġija mnaqqsa	1000 mg/kg	1000 mg/kg	1000 mg/kg	200 mg/kg	-	50 mg/kg

Oġġetti ta' l-ikel	L-ogħla doża li tista' tintuża					
	E 950 Acesulfame K	**E 951** Aspartame	**E 952** Aċidu ċiklamiku u l-imlieħ Na u Ca tiegħu	**E 954** Sakkarina u l-imlieħ Na, K u Ca tagħha	**E 957** Thaumatin	**E 959** Neohesperidine DC
Preparati tal-frott u ħxejjex, b'enerġija mnaqqsa	350 mg/kg	1000 mg/kg	250 mg/kg	200 mg/kg	-	50 mg/kg
Priservijiet ħelwin-qarsin ta' frott u ħxejjex	200 mg/kg	300 mg/kg	-	160 mg/kg	-	100 mg/kg
Ħut, krustaċej, molluski						
Priservijiet u semi-priservijiet ħelwin-qarsin ta' ħut u marinati tal-ħut, krustaċej u molluski	200 mg/kg	300 mg/kg	-	160 mg/kg	-	30 mg/kg
Mixxellanja						
Zlazi	350 mg/kg	350 mg/kg	-	160 mg/kg	-	50 mg/kg
Mustarda	350 mg/kg	350 mg/kg	-	320 mg/kg	-	50 mg/kg
Sopop b'enerġija mnaqqsa	110 mg/l	110 mg/l	-	110 mg/l	-	50 mg/l
Feinkostsalat	350 mg/kg	350 mg/kg	-	160 mg/kg	-	50 mg/kg

Oġġetti ta' l-ikel	L-ogħla doża li tista' tintuża					
	E 950 Acesulfame K	**E 951** Aspartame	**E 952** Aċidu ċiklamiku u l-imlieħ Na u Ca tiegħu	**E 954** Sakkarina u l-imlieħ Na, K u Ca tagħha	**E 957** Thaumatin	**E 959** Neohesperidine DC
Prodotti moħmijin						
Prodotti moħmijin fini għal użijiet nutrittivi speċjali	1000 mg/kg	1700 mg/kg	1600 mg/kg	170 mg/kg	-	150 mg/kg
Dieti speċjali						
Formoli sħaħ għall-kontroll tal-piż maħsubin biex jittieħdu flok l-ammont ta' ikel totali f'ġurnata waħda jew flok ikla waħda	450 mg/kg	800 mg/kg	400 mg/kg	240 mg/kg	-	100 mg/kg
Formoli sħaħ u supplimenti nutrittivi li jintużaw taħt superviżjoni medika	450 mg/kg	1000 mg/kg	400 mg/kg	200 mg/kg	-	100 mg/kg
Supplimenti ta' ikel likwidu/ integraturi dietetiċi	350 mg/l	600 mg/l	400 mg/l	80 mg/l	-	50 mg/l
Supplimenti ta' ikel solidu/ integraturi dietetiċi	500 mg/kg	2000 mg/kg	500 mg/kg	500 mg/kg	-	100 mg/kg
Suppliments ta' ikel/integraturi dietetiċi bbażati fuq elementi ta' vitamini u/jew minerali, f'forma ta' ġulepp jew jimtagħdu	2000 mg/kg	5500 mg/kg	1250 mg/kg	1200 mg/kg	400 mg/kg	400 mg/kg